Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/2556

17.10.2024

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 175/2024**

**tal-5 ta' Lulju 2024**

**li temenda l-Anness XX (L-Ambjent) tal-Ftehim ŻEE [2024/2556]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/766 tal-1 ta' Marzu 2024 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1119 fir-rigward tal-kalkolu tal-iffrankar tas-CO2 u tal-marġni statistiku għal ċerti karozzi tal-passiġġieri elettriċi ibridi bi ċċarġjar mhux fuq il-vettura ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness XX tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 21aezd (id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1119) tal-Anness XX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

'- **32024 D 0766**: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/766 tal-1 ta' Marzu 2024 (ĠU L, 2024/766, 5.3.2023)."

*Artikolu 2*

It-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/766 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-6 ta' Lulju 2024, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Lulju 2024.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*
*Il-President*
*Anders H. Eide*

---

([1]) ĠU L, 2024/766, 5.3.2024.
(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.